22000D0921(15)

21.9.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 237/79

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

# Nru 62/2000

# tat-28 ta' Ġunju 2000

# li temenda l-Anness XXI (Statistika) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar i-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI li jinsab mal-Ftehim kiene emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 23/2000 tal-25 ta' Frar 2000 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/1999 tat-23 ta' Lulju 1999 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2214/96, jikkonċerna s-subindiċi ta'l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur ([2]), kif korrett bil-ĠU L 267 tal-15.10.1999, p. 59, għandu jiġi inkorporat f'dan il-Ftehim.

(3) r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1617/1999 tat-23 ta' Lulju 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 – fir-rigward ta' l-i*standards* minimi għat-trattament ta' l-assigurazzjoni fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur u li jimmodifika r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2214/96 ([3]) għandu jiġi inkotporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 19ċ (Regolament tal-Kummissjjoni (KE) Nru 2214/96) ta' l-Anness XXI li jinsab mal-Ftehim:

", kif emendat b':

– **399 R 1749**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/1999 tat-23 ta' Lulju 1999 (ĠU L 214, tat-13.8.1999, p. 1), kif korrett b'ĠU L 267, tal-15.10.1999, p. 59,

– **399 R 1617**: r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1617/1999 tat-23 ta' Lulju 1999 (ĠU L 192, ta' l-24.7.1999, p. 9)."

*Artikolu 2*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 19g (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2646/98) ta' l-Anness XXI li jinsab mal-Ftehim:

"19h. **399 R 1617**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1617/1999 tat-23 ta' Lulju 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 – fir-rigward ta' l-i*standards* minimu għat-trattament ta' assigurazzjoni fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur u li jimmodifika r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2214/96 (ĠU L 192, ta' l-24.7.1999, p. 9)."

*Artikolu 3*

It-testi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/1999 kif korrett b'ĠU L 267, tal-15.10.1999, p. 59 u (KE) Nru 1617/1999 fil-lingwi ta' l-Islanda u tan-Norveġja, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) ĠU L 214, tat-13.8.1999, p. 1.
([3]) ĠU L 192, ta' l-24.7.1999, p. 9.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Ġunju 2000, kemm-il darba n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu intgħamlu lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', l-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 2000.

*Għall-Kumitat Konġunt ŻEE*

*Il-President*

F. BARBASO

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali ma huma indikati.